MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Numru 1150/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzati Gurinder Singh u Abdulmonaf Mohammed Fusseini identifikati b'numru tal-Pulizija 04O-003 u 06K-020 rispettivament, akkuzati talli fid-29 t'Ottubru 2009 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu tibdil f'passaport jew ghamlu uzu jew kellhom fil-pussess taghhom passaport li kienu jafu li kien iffalsifikat, mibdul jew li sar xi tibdil fih. (Art 5, Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. minghajr awtorita' leggittima uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokument iffalsifikat mehtieg ghal finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Art 32(1)(f) tal-Kap 217, Ligijiet ta' Malta);

3. iffalsifikaw jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument, u cioè Karta ta' l-identita' Taljana, Passaport

Taljan ghall-Istrangieri u permess ta’ residenza ghall-istrangieri. (Art 189, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Semghet lill-akkuzati jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni rispettiva tal-akkuzati hi wahda volontarja u nkondizjonata u tirrifletti dak li stqarrew lill-Pulizija fl-istqarrija taghhom rilaxxjata minnhom rispettivament.

Rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61, l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap 217 u l-Artikolu 189 u 17 tal-Kap 9. Tikkundannahom sitt xhur prigunerija kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------